Il-Prodott Domestiku Gross (PDG): K3/2026

NR 218/2026 | Il-Kontijiet Nazzjonali | Data tal-Ħruġ: 26/11/2026 | Data tal-Għeluq: 23/11/2026

Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija | Viżwalizzazzjonijiet



Il-Punti ewlenin

- Fit-tielet kwart tal-2026, il-Prodott Domestiku Gross (PDG) kiber b'5.0 fil-mija f'termini reali.
- Id-domanda domestika kkontribwiet b'mod pożittiv għat-tkabbir tal-PDG f'termini reali (6.5 punti perċentwali).
- Il-kummerċ barrani kellu kontribut negattiv għat-tkabbir tal-PDG f'termini reali (-1.5 punti perċentwali).
- Id-deflatur tal-PDG tela' bi 2.5 fil-mija meta mqabbel mat-tielet kwart tal-2025.

Il-Kummentarju

Stimi provviżorji juru li, fit-tielet kwart tal-2026, il-Prodott Domestiku Gross (PDG) ammonta għal €6.9 biljuni, żieda ta' €493.9 miljun, jew 7.7 fil-mija, meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2025. F'termini reali, l-PDG tela' b'5.0 fil-mija.

Fit-tielet kwart tal-2026, il-Prodott Domestiku Gross (PDG) tal-ekonomija Maltija rreġistra rata ta' tkabbir pożittiva ta' 5.0 fil-mija f'termini reali, fuq bażi annwali.

Id-deflatur tal-PDG tela' bi 2.5 fil-mija meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel. Dan ifisser żieda ta' 0.5 punti perċentwali meta mqabbel mar-rata sena għal sena li kienet irrekordjata fit-tieni kwart tal-2026.

Tabella nru 1. Għażla ta' indikaturi

		K3 2025	K4 2025	K1 2026	K2 2026	K3 2026
Il-Prodott Domestiku Gross (nominali)	€ 000	6,416,631	6,364,945	6,195,473	6,550,479	6,910,574
Id-Dħul Nazzjonali Gross (nominali)	€ 000	5,639,930	5,593,277	5,552,888	5,757,273	6,163,272
Il-Prodott Domestiku Gross (deflatur)	2020=100	124.1	124.5	123.3	127.3	127.2
Il-Prodott Domestiku Gross ras għal ras (nominali)	€	10,995	10,841	10,479	11,002	11,521
Id-Dħul Nazzjonali Gross ras għal ras (nominali)	€	9,664	9,527	9,392	9,670	10,275

Ċart nru 1 Il-Prodott Domestiku Gross

Ir-rati tat-tkabbir fuq bażi annwali



Il-PDG mill-aspett tal-produzzjoni

Il-PDG jitkejjel billi jingħadd il-Valur Miżjud Gross (VMG) tal-ekonomija mad-differenza bejn it-Taxxi u s-sussidji fuq il-prodotti. Il-VMG huwa d-differenza bejn il-produzzjoni u l-konsum intermedju ta' kull attività tal-ekonomija.

Matul it-tielet kwart tal-2026, il-VMG kiber b'5.6 fil-mija f'termini reali meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2025.

L-Industrija (Taqsimiet tan-NACE minn B sa F) u l-Attivitajiet tas-Servizzi (Taqsimiet tan-NACE minn G sa U) irreġistraw kontribut pożittiv ta' 0.1 u 5.3 punti perċentwali, rispettivament, għar-rata tat-tkabbir tal-VMG f'termini reali. L-Agrikoltura u s-sajd (Taqsima tan-NACE A) kellhom kontribut pożittiv ta' 0.2 punti perċentwali fuq it-tkabbir tal-VMG.

It-tkabbir fis-Servizzi kien dovut l-aktar għar-rati tat-tkabbir f'dawn l-oqsma: l-Informazzjoni u komunikazzjoni (10.1 fil-mija), it-Trasport u l-ħażna (13.4 fil-mija) u l-Attivitajiet ta' servizz tal-akkomodazzjoni u tal-ikel (9.9 fil-mija).

Tabella nru 2. Il-produzzjoni, is-sehem fit-tkabbir tal-PDG f'termini reali

		K3 2025	K4 2025	K1 2026	K2 2026	K3 2026
Il-Valur Miżjud Gross	pp	4.5	4.4	4.6	4.8	5.1
L-Agrikoltura u s-Sajd[1]	pp	-0.2	0.1	-0.1	0.0	0.1
L-Industrija	pp	0.0	-0.5	0.4	0.4	0.1
Is-Servizzi	pp	4.7	4.9	4.3	4.5	4.9
It-Taxxi mingħajr is-sussidji fuq il-prodotti	pp	0.3	3.6	-0.3	0.0	-0.1

[1]Il-proċess li jwassal għal figuri f'termini reali fuq livelli settorjali, f'każijiet fejn in-numri jkunu negattivi, jista' juri xejriet erratiċi. Għaldaqstant, f'każijiet bħal dawn tinħadem biss il-kontribuzzjoni għat-tkabbir tal-PDG.

Nota: Il-kontribuzzjonijiet jistgħu ma jgħoddux ezatt minħabba l-arrotondament.

Il-PDG mill-aspett tan-nefqa

Il-PDG jiġi kkalkulat ukoll billi jingħaddu flimkien in-Nefqa fuq il-konsum finali, il-Formazzjoni ta' kapital gross, u l-Esportazzjoni netta.

Id-domanda domestika kellha sehem pożittiv ta' 6.5 punti perċentwali fuq ir-rata tat-tkabbir tal-PDG f'termini reali meta mqabbla mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel. Id-domanda esterna kellha sehem negattiv ta' 1.5 punti perċentwali.

Fit-tielet kwart tal-2026, in-Nefqa fuq il-konsum finali kibret b'7.1 fil-mija f'termini reali. Dan kien dovut għaż-żieda ta' 5.9 fil-mija fin-nefqa tal-konsum finali tal-Households u ż-żieda ta' 11.6 fil-mija fin-nefqa tal-konsum finali tal-Gvern Ġenerali. In-nefqa tal-NPISHs[2] żdiedet b'0.3 fil-mija.

Il-Formazzjoni ta' kapital fiss gross żdiedet bi 11.7 fil-mija f'termini reali.

F'termini reali, l-esportazzjoni u l-importazzjoni tal-merkanzija u s-servizzi telgħu bi 3.0 fil-mija u b'4.9 fil-mija, rispettivament.

[2]Istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu l-households.

Tabella nru 3. In-nefqa, is-sehem fit-tkabbir tal-PDG f'termini reali

		K3 2025	K4 2025	K1 2026	K2 2026	K3 2026
In-Nefqa fuq il-Konsum Finali	pp	3.6	2.9	3.4	5.8	4.4
Il-Privat	pp	3.1	2.1	1.6	2.4	2.6
Il-Gvern	pp	0.4	0.8	1.8	3.4	1.8
Il-Formazzjoni ta' Kapital Gross	pp	0.5	0.9	2.1	1.4	2.1
Assi Fissi	pp	0.1	0.4	2.2	1.3	2.1
Inventarji u Oġġetti ta' Valur	pp	0.4	0.5	-0.1	0.1	0.0
L-Esportazzjoni tal-Merkanzija u s-Servizzi	pp	-1.1	3.5	-0.8	3.9	3.9
L-Importazzjoni tal-Merkanzija u s-Servizzi	pp	-1.8	-0.6	0.4	6.2	5.4

Nota: Il-kontribuzzjonijiet jistgħu ma jgħoddux ezatt minħabba l-arrotondament.

Il-PDG mill-aspett tad-dħul

Il-PDG jiġi kkalkulat ukoll permezz tad-dħul, li huwa magħmul mill-Kumpens tal-impjegati, il-Qligħ gross mill-operat tal-intraprizi u t-Taxxi netti fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni.

Meta mqabbla mat-tielet kwart tal-2025, iż-żieda ta' €493.9 miljun fil-PDG f'termini nominali kienet magħmula miż-żieda ta' €278.5 miljun fil-Kumpens tal-impjegati, miż-żieda ta' €165.3 miljun fil-Qligħ mill-operat tal-intraprizi u l-Introjtu mħallat gross, u miż-żieda ta' €50.1 miljun f'Taxxi netti fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni.

Tabella nru 4. Id-dħul, is-sehem fit-tkabbir tal-PDG f'termini nominali

		K3 2025	K4 2025	K1 2026	K2 2026	K3 2026
Il-Kumpens tal-impjegati	pp	3.5	2.0	4.5	4.5	4.3
L-Agrikoltura u s-Sajd	pp	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0
L-Industrija	pp	0.3	0.4	0.4	0.4	0.4
Is-Servizzi	pp	3.2	1.6	4.1	4.0	3.9
Il-Qligħ mill-Operat tal-Intraprizi u l-Introjtu Mħallat Gross	pp	2.5	2.5	1.3	2.1	2.6
It-Taxxi netti fuq il-Produzzjoni	pp	1.1	4.2	1.2	0.4	0.8

Nota: Il-kontribuzzjonijiet jistgħu ma jgħoddux ezatt minħabba l-arrotondament.

Id-Dħul Nazzjonali Gross (DNG)

Id-DNG huwa kejl differenti mill-PDG minħabba dħul barrani nett relatat mal-Kumpens tal-impjegati, Introjtu mill-proprjetà u Taxxi netti fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni.

Meta jkunu kkunsidrati l-effetti tal-introjtu u t-taxxa mħallsa u rċevuta mir-residenti lejn u mill-bqija tad-dinja, id-DNG f'termini nominali għat-tielet kwart tal-2026 huwa stmat li ammonta għal €6.2 biljuni.

Il-Kontijiet Nazzjonali

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

- Il-Kontijiet Mhux Finanzjarji Annwali bis-Setturi Istituzzjonali: 2021-2025
- Il-Prodott Domestiku Gross (PDG): K2/2026
- Il-Prodott Domestiku Gross (PDG): K1/2026
- Il-Prodott Domestiku Gross (PDG): K4/2025
- Il-Prodott Domestiku Gross Reġjonali: 2024

Temi Oħra Relatati

- Il-Bilanċ tal-Pagamenti
- Il-Finanzi Pubbliċi
- Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

nationalaccounts.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk joġħġobok żur:

L-Indikaturi Magħżula